**QORTI TAL-APPELL**

**(APPELL MILL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 7 ta' Lulju 2016**

Numru 2

**Rikors Nru. 127/2010**

**Joseph Coleiro, Carmel Coleiro,**
**Edward Coleiro u Robert Coleiro**

**vs**

**Anthony Camilleri u Telectron Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni ta' Anthony Camilleri u Telectron Company Limited mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tal-20 ta' Jannar 2016 u dan a bazi tal-artikolu 811(a) u 811(h) tal-Kap. 12;

Rat ir-risposta ta' Joseph Carmel, Edward u Robert ahwa Coleiro li preliminarjament eccepew in-nullita tar-rikors ghax mhux car min qed jitlob ir-ritrattazzjoni billi r-rikors hu ta' Anthony Camilleri et u fil-mertu ssottomettew li t-talba ghal ritrattazzjoni ghandha tigi michuda;

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li rikors thalla ghad-decizjoni.

**Ikkunsidrat**

**L-eccezzjoni preliminari**

Il-Qorti ma tqis li r-rikors ghal ritrattazzjoni hu null ghalkemm ma hux preciz billi r-ritrattand hu indikat bhala Anthony Camilleri et mentri hemm zewg intimati fil-kawza ritrattata. Madankollu billi hemm zewg intimati biss, ir-rikors ghandu jitqies ta' Anthony Camilleri u Telectron Company Limited.

Ghalhekk l-eccezzjoni qed tigi respinta.

**Mertu fuq l-artikolu 811(a) u 811(h)**

Ir-ritrattandi qed jilmentaw illi hemm lok ghal ritrattazzjoni taht l-artikolu 811(a) tal-Kap. 12 li jghid hekk:

> Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Civili, Prim Awla, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:
> (a) jekk is-sentenza tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara tal-ohra;

Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Carmel sive Lino Borg vs Henry Thake**, App Civ 14/11/1997:

> Is-subinciz jipprovdi ghal smigh mill-gdid fil-kaz fejn is-sentenza tkun ittiehedet b'qerq u mhux fejn il-pretensjoni tal-attur fit-talba tkun ghall-kreditu li origina minn agir allegatament delitwuz jew qarrieqi tal-konvenut;
> ...
> Il-qerq allura jrid ikun qerq gudizzjarju, jigifieri inerenti mal-proceduri;

Ghalkemm mhux facli taghti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi qerq fl-ambitu ta' dan l-artikolu fil-kawza **Fortunato Pisani vs Antonio Pisani**, App Civ 13/7/1942 intqal:

> Mhux kwalunkwe dolo jew ingann ta' parti kontra l-ohra jista' jaghti lok ghar-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni, izda meta minhabba r-raggieri jew l-attijiet frawdolenti tal-parti l-avversarju gie mqieghed fl-impossibbilita ta' difiza gusta u tajba.
> ...

> Jekk il-parti naqset li ggib xi prova mhux minhabba d-dolo tal-parti l-ohra, imma ghan-negligenza taghha, ma tistax, wara li jkun hemm sentenza li ghaddiet f'gudikat, tmur ghar-rimedju ta' ritrattazzjoni;

In oltre fil-kawza **Raymond Camilleri et vs Dr. Michael Grech noe**, App Civ 01/10/2004:

> Illi huwa kwazi superfluwu illi jinghad illi azzjoni ghar-ritrattazzjoni ma tistax tirnexxi jekk il-motiv illi fuqu tkun ibbazata ikun jikkonsisti f'materja illi r-ritrattand seta' liberament jitlob illi tigi investita fil-pendenza tal-proceduri illi wasslu ghas-sentenza attakkata;

Il-kwistjoni quddiem il-Bord tal-kera kif regghu kunsidrati mill-Qorti tal-Appell Inferjuri kienet il-pretensjoni tas-sidien tal-fond li l-inkwilin ma kienx qed juza l-fond ghall-iskop mikri u dan igib mieghu bdil ta' destinazzjoni. Il-Bord li Jirregola l-Kera qies il-fatti prodotti u wasal ghal konkluzjoni tieghu fuq l-istess fatti. Rikonsidrati l-istess fatti, il-Qorti tal-Appell waslet ghal konkluzjoni differenti. Dawn il-fatti kienu jinkludu ix-xiehda prodotta mill-partijiet u l-piz tal-prova mitfugha fuq kull parti tenut kont tal-iskop tal-kirja.

Ir-ritrattandi qed jippruvaw jinducu lil din il-Qorti terga taghmel riapprezzament tal-provi billi jallegaw illi r-ritratti esebiti mir-ritrattati kienu selettivi bla indikazzjoni ta' dati u hinijiet u bla prova ohra indipendenti. Dawn huma kwistjonijiet li dahlet fihom il-Qorti tal-Appell fl-apprezzament tal-provi prodotti. Ma hemm ebda ingann relatati mal-proceduri jew li b'xi mod zammet lir-ritrattandi milli jressqu difiza valida jew gusta. Il-Qorti tal-Appell ma gietx svijata jew ingannata mill-provi mressqa tant li flithom, ikkunsidrat l-element probatorju taghhom u nislet il-konkluzjonijiet taghha anki dawk prettament legali bhala konsegwenza ta' tali konkluzjonijiet. Il-fatt li ma qablitx mal-ewwel Qorti ma jfissirx li kien hemm ingann ghax il-fatti baqghu li kienu u l-partijiet kellhom l-opportunita li jinkombattuhom u jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom fuqhom.

Mhux permissibbli tigi kontestata sentenza a bazi ta' dan is-subartikolu fejn ebda qerq ma jirrizulta izda biss divergenza ta' opinjoni u interpretazzjoni tal-fatti liema interpretazzjoni saret mill-Qorti b'ghajnejha miftuha ghall-ipotesi avvanzati mill-partijiet.

Ghalhekk dan l-aggravju ma fih ebda bazi legali li jsostnih.

Ir-ritrattandi qed jallegaw ukoll illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell ghandha tigi ritrattata a bazi tal-artikolu 811(h) tal-Kap. 12 li jghid li hemm lok ghal ritrattazzjoni meta ‘is-sentenza tkun kuntrarja ghal sentenza ohra ta’ qabel, deciza bejn l-istess partijiet, fuq l-istess oggett, u li ghaddiet f’gudikat, basta li l-eccezzjoni tar-res judicata ma tkunx giet moghtija u deciza’.

Ir-ritrattandi jsostnu illi r-ritrattati kienu gia ppruvaw jirriprendu l-fond b’kawza quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera li giet deciza kontrihom fl-1 ta’ Frar 1983 fl-ismijiet Joseph Coleiro vs Anthony Camilleri. Huma jghidu li din il-kawza kienet titratta l-istess kirja u l-iskop kien ir-ripresa tal-fond mikri peress li r-ritrattandi ma kienx qed juza l-fond skond il-ftehim. Il-Bord li Jirregola l-Kera ddecieda illi r-ritrattat kienu jafu bil-bdil fil-kondizjonijiet tal-kirja u ghalhekk kien hemm kunsens tacitu ghall-istess.

Il-Qorti tqis li din ir-raguni ta’ ritrattazzjoni mhix valida ghaliex ghalkemm it-talba fiz-zewg kawza hi r-ripresa, ir-raguni ghar-ripresa hi differenti ghaliex f’din il-kawza r-ritrattati kienu qed jitolbu l-izgumbrament ghax ir-ritrattandi ma kienux qed juzaw l-fond ghall-iskop mikri. It-talba kienet in-non uso tal-fond li jwassal ghal bdil fid-destinazzjoni. Fil-kawza li nqatghet fl-1 ta’ Frar 1983 (fol. 64 tal-process tal-Bord li Jirregola l-Kera) ir-raguni ghall-izgumbrament ma kienx in-non uso izda allegazzjoni ta cessjoni jew sullokazzjoni tal-fond da parti tal-inkwilini lil kumpanija Telectron Limited li taghha l-inkwilin kien direttur. Il-Bord iddecieda f’dak il-kaz li s-sidien kienu jafu minn qed juza l-fond u accettaw. Is-sentenza f’dik l-istanza ghalqet il-vertenza bejn il-partijiet riferibbilment ghall-allegazzjonijiet migjuba ghal perjodu determinat bla ma ghamlet ebda divjet, kif fil-fatt lanqas setghet taghmel, ghall-allegazzjoniet ta’ vjolazjoni futuri tal-kondizzjonijiet tal-kera. In oltre bejn l-ewwel kawza u t-tieni ghaddew tletin sena u anki jekk ghal grazzja tal-argument giet intavolata kawza fuq l-istess raguni cioe bdil ta’ uzu, ic-cirkostanzi setghu tbiddlu f’dan il-perjodu li intitolaw lis-sidien jergghu jintavolaw kawza mill-gdid. Ghalhekk il-Qorti tqis illi anki din ir-raguni ghal talba ta’ ritrattazzjoni ma ssibx sostenn la fil-

fatt u anqas fid-dritt. La hemm konflitt ta' sentenzi u wisq anqas somiljanza ta' raguni ghat-talba ta' zgumbrament.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad ir-rikors ghal ritrattazzjoni maghmul mir-ritrattandi, bl-ispejjez kontrihom.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur